MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 20/2008

**"Il-Pulizija**

**v.**

**Tristan Falzon"**

Il-Qorti,

Rat in-nota tas-*senior probation officer* Miriam Sevasta tas-17 ta' April 2009 li bih ghamlet denunzja fis-sens ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmi Tristan Falzon naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu minn din il-Qorti sabiex "jikkompleta l-programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mnedija mill-Agenzija SEDQA dwar il-problema tad-droga **minghajr interruzzjoni**" u dan minhabba l-fatt li fit-12 ta' Marzu 2009 huwa gie sospiz mill-programm residenzjali ta' Santa Marija gewwa Hal-Luqa wara li kiser kundizzjoni ta' l-istess programm;

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' April 2009 li bih appuntat id-denunzja ghas-smigh ghat-22 ta' April 2009 fit-8.45 a.m.;

Semghet id-deposizzjoni moghtija quddiemha mis-*senior probation officer* Miriam Sevasta u mill-*Head* tad-*drug Rehabilitation Programme* f'Santa Marija, Ray Grech;

Semghet is-sottomissjonijiet;

Rat is-sentenza taghha fil-konfront ta' l-istess Tristan Falzon tat-12 ta' Novembru 2008 li biha kienet iddisponiet mill-appell ta' Tristan Falzon billi rriformat is-sentenza appellata fis-sens illi rrevokataha in kwantu ordnat li s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Frar 2004 tigi reza effettiva b'dan li l-imsemmi Tristan Falzon ghandu jaghmel sentejn prigunerija effettivi, u minflok, a tenur ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biddlet il-perijodu operattiv specifikat f'dik is-sentenza b'perijodu iehor ta' erba' snin dekorribbli mit-12 ta' Novembru 2008, cioe` li s-sentenza ta' sentejn prigunerija li kienu gew imposti bis-sentenza msemmija tad-9 ta' Frar 2004 ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin mit-12 ta' Novembru 2008 huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9, ghamlet ordni ta' supervizjoni u qieghdet lill-imsemmi Tristan Falzon taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-perijodu operattiv kollu u taht il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni anness mas-sentenza;

Rat l-ordni ta' supervizjoni ta' l-istess data maghmul fil-konfront ta' Tristan Falzon li jghid *inter alia* li:

**"Billi Tristan Falzon, bin Carmelo u Georgina nee' Spiteri, li joqghod 64, Redeemer, Triq it-23 ta' April, Qormi, karta ta' l-identita` numru 402382(M) (hawn taht imsejjah "il-hati") gie misjub hati kif indikat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti llum stess li mmodifikat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-**

**Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Jannar 2008;**

**Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizjoni;**

**U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni lill-hati, inkluzi l-htigiet mizjuda skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446, u nnutat li l-istess wera li jrid ihares il-htigiet ta' l-istess Ordni;**

**Tordna li l-hati ikun taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal sorveljanti Trevor Calafato ghal perijodu ta' erba' snin millum b'dawn il-htigiet:**

**Li matul dan il-perijodu l-hati jgib ruhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficjal sorveljanti;**

**Li l-hati jibqa' f'kuntatt ma' l-ufficjal sorveljanti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi ufficjal u li javza lill-imsemmi ufficjal b'kull tibdil fl-indirizz tieghu u, meta eventwalment ikun qieghed jahdem, tax-xoghol tieghu;**

**Li jikkompleta l-programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mnedija mill-Agenzija SEDQA dwar il-problema tad-droga minghajr interruzzjoni;"**

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tat-22 ta' April 2009 is-*senior probation officer* Miriam Sevasta kkonfermat id-denunzja fis-sens illi l-imsemmi Tristan Falzon ma kienx ghadu fil-programm ta' rijabilitazzjoni f'Santa Marija. Is-*supervising officer* precedenti Trevor Calafato nfurmaha illi kien iltaqa' ma' Falzon il-Qorti fil-25 ta' Marzu 2009 u Falzon ma nfurmahx illi ma kienx ghadu l-programm (ara wkoll id-dokument minnha esibit fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2009 meta l-imsemmija *senior probation officer* qalet illi ma jistax jigi ammess mill-gdid fil-programm ta' Santa Marija minn fejn

waqaf izda jrid jerga' jibda mill-bidu, haga li l-imsemmi Falzon ma jridx jaghmel).

Ray Grech xehed illi Tristan Falzon kien ghamel xi tentattivi fl-2003 u fl-2004 biex jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni. Meta beda kuntatt gdid fl-2008 pero` kien hemm differenza u fil-fatt dahal Santa Marija fil-11 ta' Lulju 2008. Skond Ray Grech, Tristan Falzon "mexa, ipprogressa, ghadda l-fazijiet" u tawh anke r-responsabbilta` ta' l-istore. Gara li meta f'gurnata tal-Hamis hargu jixtru l-haxix, Falzon dahhal flixkun inbid u xorbu fil-Komunita`. Ghalhekk gie sospiz mill-Komunita` fit-12 ta' Marzu 2009. Skond ix-xhud, Falzon baqa' jindika li jekk jerga' jinghata c-cans huwa jerga' jidhol.

Issa, wahda mill-aktar kondizzjonijiet importanti ta' l-ordni ta' supervizjoni kienet sabiex Tristan Falzon jikkompleta programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mnedija mill-Agenzija SEDQA **"minghajr interruzzjoni"**. Naturalment dan kien kemm fl-interess tieghu nnifsu kif ukoll sabiex ma jibqax minaccja ghas-socjeta`. Huwa kien diga` nghata opportunita` mill-Qorti tal-Magistrati sabiex jaghmel dan il-programm izda kien gie sospiz. Issa li gie mill-gdid sospiz ghal ragunijiet imputabbli biss lilu, u dan nonostante l-kondizzjoni carissima fl-ordni ta' supervizjoni li huwa jrid isegwi l-programm "minghajr interruzzjoni", din il-Qorti trid tittratta mieghu skond l-avvertiment li tatu fis-sentenza taghha tat-12 ta' Novembru 2008, cioe` "<u>bl-intendiment car li jekk, bl-icken mod, l-appellant jikser il-kondizzjonijiet li ser jinghatawlu, imbaghad ikollu jiffaccja r-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti.</u>"

F'dawn ic-cirkostanzi, a tenur tas-subartikolu (9) ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sejra tordna l-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta' prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Frar 2004.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, a tenur ta' l-artikolu 28G(9) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ta' sentejn

prigunerija moghtija bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2004 tibda fis-sehh. Jekk Tristan Falzon ghandu xi motivazzjoni sabiex jerga' jaghmel tentattiv ahhari biex jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni, dan jista' jaghmlu mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------